MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2007

Numru. 572/2007

Il-Pulizija
(spettur Mario Tonna)
vs
Keith Vassallo (ID538185M)

Illum 10 ta' Lulju 2007.

IL-QORTI

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra Keith Vassallo ID 538185M u dan talli:

1) Nhar il-1 ta' Gunju 2007 ikkommetta serq ta' telefon cellulari u xi oggetti ohra waqt li kien gewwa l-fabbrika SGS ta' Hal Kirkop ghad-dannu ta' Charlene Zammit, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-persuna;
2) Fil-lejl ta' bejn il-25 u 26 ta' Gunju 2007 gewwa triq is-Sebh, Marsa, ikkommetta hsara volontarja bin-nar fuq il-vettura BAT578 tal-ghamla Peugeot ghad-detriment ta'

Charlene Zammit mill-Marsa u fuq vettura AAO162 tal-ghamla Ford Escort ghad-detriment ta' George Agius mill-Marsa;

3) Nhar il-5 ta' Lulju 2007 ikkommetta hsara volontarja fuq oggetti gewwa numru 19, flat 4 Triq il-Barrieri Mqabba ghad-detriment ta' Charlene Zammit mill-Marsa;

4) Matul dawn l-ahhar xhur uza xi sistema jew apparat tat-telekomunikazzjoni provduti minn provditur awtorizzat ghall xi ghan li ma kienx dak li ghalih ikun gie provdut jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu tas-sistema ta' telekomunikazzjoni jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni biex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Charlene Zammit u il-familjari taghha sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reati addebitati lilu, torbot lill-Keith Vassallo b'obbligazzjoni tieghu nnifsu, taht penali ta' somma flus li tigi ffissata kif jidhirlha xieraq din il-Qorti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma ghandux tali oggezzjoni;

Semghet lill-akkuzat, minn jeddu, jiddikajra li hu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu;

A bazi ta' din l-ammissjoni l-Qorti ssib lil-akkuzat hati talli

1) Nhar il-1 ta' Gunju 2007 ikkommetta serq ta' telefon cellulari u xi oggetti ohra waqt li kien gewwa l-fabbrika SGS ta' Hal Kirkop ghad-dannu ta' Charlene Zammit, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-persuna;

2) Fil-lejl ta' bejn il-25 u 26 ta' Gunju 2007 gewwa triq is-Sebh, Marsa, ikkommetta hsara volontarja bin-nar fuq il-vettura BAT578 tal-ghamla Peugeot ghad-detriment ta' Charlene Zammit mill-Marsa u fuq vettura AAO162 tal-ghamla Ford Escort ghad-detriment ta' George Agius mill-Marsa;

3) Nhar il-5 ta’ Lulju 2007 ikkommetta hsara volontarja fuq oggetti gewwa numru 19, flat 4 Triq il-Barrieri Mqabba ghad-detriment ta’ Charlene Zammit mill-Marsa;
4) Matul dawn l-ahhar xhur uza xi sistema jew apparat tat-telekomunikazzjoni provduti minn provditur awtorizzat ghall xi ghan li ma kienx dak li ghalih ikun gie provdut jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu tas-sistema ta’ telekomunikazzjoni jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew.

Rat l-artikoli:
1) 261, 267 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2) 325 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3) 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4) Rat l-artikoli 35 (1) (d) Telecomunications (Regulations) Act, Kapitolu 339 tal-Ligijiet ta’ Malta u Artikoli 338 (e),92, 95 u 339 (e) tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali.

In rigward piena il-Qorti ikkunsidrat:
a) L-ammissjoni bikrija maghmula mill-akkuzat;
b) Kif jidher mill-verbal tas-seduta tallum stess, l-akkuzat irrizarcixxa lil parti lesa tal-hsarat volontarji kagunati minnu u giet ritornata lura r-refurtiva kollha hawn fuq imsemmija. Inoltre missier l-akkuzat, Gerolamo Vassallo, obbliga ruhu li jirrizarcixxi lis-socjeta assikuratrici nvoluta dwar il-hsarat kawzati fil-vettura msemmija fl-akkuzi.
c) L-akkuzat, sallum, kellu fedina penali netta u nadifa ghall kollox.

Minhabba dak premess, il-Qorti tara li f’dan il-kaz ghandha timponi piena karcerarja b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali kif ukoll tordna li tinhareg ordni ta’ supervizzjoni a bazi tal-artikolu 28(G) tal-istess Kodici, oltre li tapplika l-artikolu 373 u 383 u 412 (c) tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:
1. Tikkundanna lill-akkuzat ghal piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija sospiza ghal perjodu ta’ erba’ (4) snin bil-kundizzjoni li f’dan il-perjodu ta’ erba’ (4) snin l-

akkuzat ma jikkommettiex reat iehor suggett ghall-prigunerija;
2. Tordna lill-akkuzat sabiex ihallas l-ispejjes kollha in kon-nessjoni ma' nomina ta' esperti waqt l-inkjesta u konfermati f'dawn il-proceduri;
3. Tordna lill-akkuzat sabiex jiffirma obbligazzjoni ghaz-zamma tal-bon ordni favur Charlene Zammit ghal zmien sena millum taht penali ta' LM100 [mitt lira maltin] fin-nuqqas, u li jobdi din l-ordni.
4. Ghal kull bon fini wkoll tordna l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Charlene Zammit u l-membri tal-familja taghha ghall-perjodu ta' tlett (3) snin u dan skond l-artikolu 412 (c), (1), (2), (3), (4) u (5).

Il-Qorti spjegat din is-sentenza lill-akkuzat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------